Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru 35/2010

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**Versus**

**Martin Dimech**

**Rikors għal referenza Kostituzzjonali**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors intavolat mill-akuużat nhar l-10 ta’ Ġunju 2011 fejn huwa ssottommetta li

‘minħabba li l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi d-dirtt lill-interrogat għall-preżenza ta’ avukat waqt li jkun detenut mill-Pulizija esekutiva huwa attwalment irrilaxxa l-istqarrija tiegħu mingħajr ma kellu l-jedd jikkonsulta ruħu ma’ avukat.’

2. Għalhekk huwa talab referenza a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni għaliex qed jallega li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

3. Huwa rrefera għal tliet sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011 (Il-Pulizija konta Alvin Privitera' u fit-12 ta' Aprtil, 2011 'Il-Pulizija kontra Esron Pullicino' u 'Il-Pulizija kontra Mark Lombardi.'

4. Semgħet it-trattazzjoni dwar dan il-punt waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2011.

5. Rat in-Nota, kif kienet awtorizzata mill-Qorti, ppreżentata mill-Avukat Ġenerali fis-16 ta' Ġunju 2011, rat ir-replika ta' Martin Dimech intavolata fit-23 ta' Ġunju 2011 li l-Qorti qed taċċetta minkejja li ma kinitx speċikament awtorizzata, u l-kontro replica tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Ġunju, 2011.

Ikkonsidrat

6. L-argumenti ewlenin tal-Avukat Ġenerali kontra li ssir din ir-referenza huma dawn li ġejjin:

(a) Li d-dispożizzjonijiet 355AU u 355AT inġabu fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 u l-istqarrijiet suġġetti fil-kawżi Kostituzzjonali kienu saħħew qabel. Hawnhekk l-Avukat Ġenerali għamel analiżi tal-fatti f'Salduz versus Turkey u rrefera għall-fatt li r-rikorrent fil-każ imsemmi u fil-każ Il-Pulizija vs Alvin Privitera kien minorenni waqt li fil-każ ta' llum l-akkużat mhux minorenni u mhux l-ewwel darba li daħal fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija.

(b) Fil-każijiet kollha l-prova unika kienet l-ammissjoni fl-istqarrija. Min-naħa l-oħra hemm provi oħra bħal oġġetti relatati mal-użu tad-droga u xhieda okulari. B'mod partikolari r-rikorrent kien ilu joqgħod fid-dar fejn saret it-tfittxija madwar sentejn. Waqt l-istqarrija, l-akkużat ammetta għall-partijiet mill-mistoqsijiet waqt li ċaħad jew addirittura irrifjuta li għal partijiet oħra.

(ċ) Dawn iċ-ċirkostanzi huma għal kollox differenti minn dawk li kienu mistħarrġa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawżi l-oħra.

(d) Illi dwar ta’ allegazzjonijiet jew le ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali wieħed għandu jħares lejn it-trial as a whole.

7. Id-difiża ssottomettiet li din il-Qorti hija fid-dmir li tistabilixxi jekk hemmx każ prima facie hija u tiddeċiedi għandhiex tirreferi din il-kwistjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili. Din il-Qorti m’għandhiex kompetenza li tittratt fuq kwistjonijiet ta’ indoli kostituzzjonali.

8. Barra dan fit-tliet sentenzi deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali l-istqarrijiet kienu ttieħdu frm qabel il-promulgazzjoni tal-emendi li sau permezz tad-dħul fis-seħħ tal-artikoli 355AU u 355AT tal-Kap 9.

9. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx qablet mal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili meta din tal-aħħar kienet għażlet bejn każi fejn l-istqarrija hija l-unika prova u każijiet fejn hemm provi oħra. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet irrevokat din il-parti tad-decide totalment.

Ikkonsidrat.

10.. L-ewwelnett din il-Qorti m’għandha ebda kompetenza li tiddeċiedi l-lanjanza mqajma mir-rikorrent. Trid tiddeċiedi biss li jew tirreferi l-kwistjoni mqanqla lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili jew tiddikjara li tali talba hija frivola jew vessatorja.

11. It-tieni. Wara eżami akkurat tal-istqarrija jidher li l-akkużat kien hemm partijeit fejn ammetta u partijiet fejn addirittura ċaħad jew ma weġibx. Jirriżultaw provi oħra oltre l-istqarrija.

12. It-tielet. L-Avukat Ġenerali jissottometti li wieħed għandu jara t-trial as a whole biex hemm leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew / u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-argument huwa kollu minnu f’każ ta’ Qorti

Internazzjonali jew f'Qorti ta' pajjiż partikolari li għandha l-kompetenza bħala l-vuċi tal-aħħar. Biss is-sistema f'Malta hija differenti minn pajjiżi oħra u s'intendi mill-proċedura li ssir fil-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-Qorti Ewropea, l-allegazzjoni tal-ksur tad-dritt tista' ssir **biss wara** li wieħed ikun eżawrixxa r-rimedji domestiċi kollha. Min-naħa l-oħra, f'pajjiżi oħra l-kwistjoni ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dritt tista' ( u ħafna drabi **għandha** ) titqanqal quddiem kwalunkwe Qorti li trid tiddeċidiha hi u fl-aħħar, wara li l-kwistjoni tkun għaddiet l-għarbiel tal-Qrati ordinarii kollha, wieħed **jista'** (għax il-jedd mhux dejjem awtomatiku u jista' jkun suġġett għal skrutinju kif jiġri, per eżempju, fil-Ġermanja)[1] jasal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali tal-pajjiż. Fil-każ ta' Malta, kemm skont il-Kostituzzjoni kif ukoll skont il-Kap 319, ir-referenza jew ir-rikors dirett jista' jsir kemm 'jekk ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura xi waħda mid-dispożizzjonijiet tad-Drittijiet Umani.' Din is-sitwazzjoni tagħtik dritt li ġġib 'il quddiem l-allegazzjoni tiegħek qabel ma jkunu saru l-proċeduri kollha u din l-allegazzjoni ma ssirx quddiem il-Qorti li qed tisma' l-każ għajr f'eċċezzjoni li tirrikonoxxi espliċitament il-Kostituzzjoni.

**Il-Każistika tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Istqarrijiet**

13. Ir-raba'. Il-każistika Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 6 għall-proċeduri ta' qabel ma jsir il-proċess beda mill-każ ta' 'Imbroscia versus Switzerland' (24.11.1993) fejn intqal :

Although the primary purpose of Article 6 in criminal proceedings is to ensure a fair trial by a tribunal, it does not follow that it has no application in pre-trial proceedings.

14. Il-Qorti Ewropea daħlet aktar fil-kwistjoni fejn wieħed ma kellux l-assistenza ta' avukat matul l-istqarrija u l-Qorti

[1] Ara l-każ Niemitz versus Germany. Fil-Ġermanja r-rikorrent ma kienx ingħata permess imur quddiem il-Bundesverfassungsgerichthof ta' Karlsruhe. Ir-rikorrent ħa l-każ quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u rebħu.

setgħet tagħmel inferenzi dwar is-silenzju tiegħu. (John Murray versus United Kingdom). (25.01.1996)

15. Il-Qorti Ewropea eżaminat jekk ir-rikorrent kienx inkrimina ruħu meta ma kienx megħjun minn avukat (Brennan versus UK)(16.10.2001) u ma nstab ebda vjolazzjoni tal-artikolu 6(10 jew 3(ċ) għaliex, kontra dak li kien ġara fil-każ ta' John murray, ma kienet saret ebda inferenza.

16. Eżaminat ukoll jekk kienx hemm pressjoni fuq ir-rikorrent meta ma kienx megħjun minn avukat (Magee vs UK) (06.06.2000). Hawn kienet stabbilita vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) u 6(3)(c) għaliex ir-rikorrent ma kellux aċċess għall-avukat

'who could play the customary role of 'counterweight' to the intimidating atmosphere in which he had been held while in police custody, and the statements he had made at that time had been central to his conviction.

17. F'Salduz versus Turkey, (27.11.2008) the Qorti Ewropea qieset li r-rikorrent kien għadu minorenni u li n-nuqqas ta'preżenza ta' avukat meta r-rikorrent kien fil-kustodja tal-Pulizija :

'had irretrievably affected his defence rights'.

18. F'Panovits versus Cyprus', (11.12.2008) fejn l-akkużat kellu 17-il sena, il-Qorti Ewropea ddeċidiet hekk:

'1. *Declares* unanimously the complaint concerning the pre-trial stage of the proceedings and the fairness of the trial at first instance and on appeal admissible and the remainder of the application inadmissible;

2. *Holds* by 6 votes to 1 that there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention on account of the lack of legal assistance in the initial stages of police questioning;

3. *Holds* by 6 votes to 1 that there has been a violation of Article 6 § 1 of the Convention due to the use of the applicant's confession in his main trial;

4. *Holds* unanimously that there has been no violation of Article 6 § 1 of the Convention due to the admission of "bad character" evidence in the applicant's main trial;'

19. Fil-każ 'Dayanan versus Turkey', (13.10.2009) kien instab ħati li kien membru tal-Hezbollah. Matul l-interrogatorju ma kellux l-għajnuna ta' avukat. Il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6

'even though the applicant had remained silent while in police custody.'

20. Fil-każ 'Brusco verus France' (14.10.2010) kien interrogat bħala xhud. Il-Qorti qisitu mhux bħala xhud iżda bħala bniedem li qiegħed ikun mixli b'reat. Il-Qorti sabet vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) u (3) għaliex li kieku kellu avukat jassistih, kieku l-avukat kien jista' jagħtih parir dwar id-dritt tiegħu li jibqa' sieket.

21. F'każ ieħor, Plonka verus Poland, (31.03.2009) fejn ir-rikorrenti twieldet fl-1949, ( u allura dan ma kienx każ fejn kien involut xi minorenni )

'The Court held unanimously that there had been a violation of Article 6 § 1 in connection with Article 6 § 3 (c), as Ms Plonka had not been assisted by a lawyer at the beginning of the proceedings and there had been no evidence of her having waived expressly her right to legal representation.'

22. S'intendi, wieħed jista' jippreferi li ma jkunx megħjun minn avukat (Boz verus Turkey 9.02.2010). F'dan il-każ m'hemm ksur tal-ebda dritt.

23. L-aħħar deċiżjoni dwar dan il-punt ingħatat fil-21 ta' Ġunju, 2011 fis-sentenza Nadem versus Croatia. Is-silta relevanti hija din li ġejja:

**'Article 6**

As regards the complaint concerning a lack of legal assistance during the police
questioning, the Court noted that Mr Mađer was provided with the assistance of a lawyer
from about 1 a.m. on 4 June 2004. Even if the Court based its considerations on the
official record which had registered his arrest on 2 June, the fact remained that during
the initial questioning by the police he did not have the assistance of a lawyer. His
confession, made without consulting a lawyer, had been used in the proceedings and had
been a significant basis for his conviction.
While it was not for the Court to speculate on the impact which access to a lawyer during
police custody would have had on the ensuing proceedings, it was clear that neither the
assistance provided subsequently by a lawyer nor the adversarial nature of the
proceedings could counteract the defects which had occurred during his initial
questioning. Mr Mađer had further not waived his right to legal assistance during his
police questioning, as he had complained about the lack of that assistance from the
initial stages of the proceedings. The Court therefore found that there had been a
violation of Article 6 § 3 in conjunction with Article 6 § 1.'

**Każijiet fil-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta**

24. Fil-każijiet ta' Malta kellna dawn id-deċiżjonijiet:

Il-Pulizija versus Alvin Privitera’ (11 t’April 2011):

‘Il-Qorti tikkonkludi li fil-każ odjern kien hemm leżjoni tad-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6(3)(c) konġuntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta hwua ma ngħatax l-assistenza legali. Din il-Qorti hi tla-fehma li d-dritt li persuna arrestata tiġi assistita minn avukat għandu jingħata fil-bidunett tal-investigazzjoni u qabel ma dik il-ersuna tirrilaxxja stqarrija iżda mhxu li tkun assitita waqt l-interrogatorju mill-Pulizija......Tordna li l-proċeduri kontra r-rikorrent jitkomllew konformament ma’ dak hawn deċiż u kopja ta’ din id-deċiżjoni tintbagħat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali li quddiemha qed jitmexxa l-każ.’

25. Fuq l-istess linji l-Qorti ddeċidiet il-każi ‘Il-Pulizija versus Esron Pullicino’ (12 t’April 2011) u ‘Il-Pulizija versus Mark Lombardi’ u ordnat ukoll li d-deċiżjonijiet jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li quddiemha qed jitmexxa l-każ għall-prosegwiment skont il-Liġi.

26. Fil-każ ‘Il-Pulizija versus Mark Lombardi’ il-Qorti qalet ukoll hekk:

‘Fil-fehma ta’ din il-Qorti biex jiġi dikjarat jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq il-Qorti mhux neċessarjament trid toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ kollu jew li jiġi attwalment miksur xi dritt tal-akkużat, imma jekk hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-Qorti tista’ tagħmel dik id-dikjarazzjoni ta’ leżjoni, hija għandha teżamina l-lanjanza meta tiġi sollevata.’

27. Dwar li fiż-żmien meta ttieħdet stqarrija kien għadu ma daħalx in vigore l-artikolu 335AT fil-kaz ‘Il-Pulizija versus Alvin Privitera’, il-Qorti Kostituzzjonali rreferiet għall-fatt li r-rikorrent kien irrilaxxja stqarrija **fl-2007** u li allura r-rikorrent ma kellu ebda dritt li jistaqsi għal avukat u kien inutli li jistaqsi għal wieħed.

**Konsiderazzjonijiet tal-aħħar.**

28. Il-Qorti rat l-istqarrija rilaxxjat mir-rikorrent li saret qabel l-10 ta' Frar 2010. Mill-konsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq, kemm dawk purament legali, kemm dawk mil-lenti komparativistika, kif ukoll mill-istess deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, fl-ordni ġuridiku tagħna, mhux bilfors li wieħed għandu jistenna t-tmiem tal-proċeduri biex iqajjem lanjanza dwar allegat ksur tad-drittijiet tal-Bniedem.

**An arguable claim**

29. Il-Qorti, meta qieset il-fatti ewlenin u l-każistika msemmija, ma tistax tqis li d-dritt għall-assistenza legali huwa limitat għal minorenni biss u / jew li allegazzjoni ta' ksur ta' dan id-dritt għandu jkun mistħarreg biss fejn l-istqarrija tkun l-uniku prova**. Fid-dawl tar-referenzi mogħtija fil-paragrafi preċedenti, il-Qorti qedd tqis li l-akkużat għandu an arguable claim u għalhekk mhix qed tqis il-lanjanza tal-akkużat bħala waħda frivola jew vessatorja.**

**Referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

30. Għalhekk qed tiddeċiedi billi tirreferi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-lanjanza li tqajmet mir-rikorrent **dwar jekk l-istqarrija tiegħu esibita fl-atti tal-proċeduri 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech' meħuda mingħajr ma kien assistit minn avukat hix lesiva tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem wara li jkunu kkonsidrati wkoll is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------